MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CAROL PERALTA

Seduta tat-12 ta' Frar, 2015

Numru. 492/2009

**PULIZIJA**
**SPETTUR KEVIN FARRUGIA**

**VS**

**AUGUSTINE SIVE WINSTON BONELLO**
**(ID Nru. 451066M)**

Illum, 12 ta` Frar, 2015.

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Augustine sive Winston Bonello, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 451066M.

**Akkuzat talli:**

Nhar il-hmistax (15) ta` Jannar, 2009, ghal habta tas-saghtejn nieqes ghaxra ta` wara nofs in-nhar (01:50pm) waqt li kien qed isuq vettura (Minibus) bin-numru ta` registrazzjoni GMY014 tal-ghamla LDV fi Triq il-Kosta, is-Salina, limiti ta` Bahar ic-Caghaq u f'inhawi ohra fil-Gzejjer Maltin:

1. B'nuqqas ta` hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta` hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta` tharis ta` regolamenti ikkaguna griehi:
    a) Ta` natura gravi fuq il-persuna ta` Kenneth Francis Abela, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 465880M skont kif iccertifika Dr. Bugeja M.D. (reg. 3052) tal-isptar Mater Dei;

    b) U aktar talli ikkaguna griehi ta` natura gravi fuq il-persuna ta` Roderick Mangion, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 2116776M skont kif iccertifika Dr. M. Spiteri, M.D. (reg. 2666) tal-Isptar Mater Dei;

    c) U aktar talli ikkaguna griehi ta` natura hafifa fuq il-persuna ta` Sean Buttigieg (minorenni) skont kif iccertifika Dr. N. J. Vassallo, M.D.

2. Saq b'manjiera traskurata, bla kont u perikoluz, meta habat ma` vettura bin-numru ta` registrazzjoni EBA981 u kkagunalha hsara involontarja ghad-dannu ta` Tancred Tabone, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 793652M u terzi persuni ohra;

3. U aktar talli saq b'velocita` eccessiva.

Aktar talli sar recidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tat-tnejn u ghoxrin (22) ta` Gunju, 2004 mill-Onor. Magistrat Dr. A. J. Vella, LL.D., liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f'kaz ta` htija, tiskwalifika lill-imsemmi Augustine sive Winston Bonello milli jkollu jew jottjeni xi licenzja tas-sewqan ghall-perjodu li l-Qorti jidrilha xieraq.

**Il-Qorti:**

Semghet il-provi prodotti miz-zewg nahat u ezaminat id-dokumenti u r-rapporti esebiti;

Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Wara li semghet ix-xhieda mressqa;

Wara li rat l-Artikoli 15(1) (a), (2) u (3) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta` Malta u l-Artikolu 127 tal-L.S. 65.11.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-Qorti rat ukoll in-noti ta` sottomissjonijiet taz-zewg partijiet u ma tara l-ebda raguni li ma taghmilx taghha l-argumenti prezentati fin-nota ta` sottomissjonijiet tad-difiza.
Ghalhekk taghmilhom taghha u tillibera lill-imputat minn kull akkuza lilu ddebitati.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------